# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 99/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Agostino Borg**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Agostino Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 767561M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 ta' April, 2014 u fil-gimghat sussegwenti, gewwa Triq San Frangisk, Marsa:

1. Gewwa fond numru 24, immagina, organizza, waqqaf jew haddem santwarju tal-annimali minghajr ma kellu licenzja ghal dan il-ghan, u dan bi ksur tal-L.S. 439.14 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 338(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Rema, tefa' jew xort'ohra qattar jew iddepozita xi zibel jew halla f'xi triq jew post pubbliku recipjent ta' zibel, borza, excreta, materjal tal-bniedem jew annimali, vomtu, jew xerred, qattar jew xehet demm, ilma mielah, jew likwidu li jaghmel hsara, u dan bi ksur ta' l-Avviz Legali 344/2005 Artiklu 4 (Skeda I) tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Gab ruhu b'mod li ta fastidju u/jew b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dak ikun ta' fastidju ghall-girien tieghu, u dan bi ksur tal-Artiklu 251(A) 1(a)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija il-Qorti kienet mitluba sabiex tohrog ordni ta' tnehhija tal-inkonvenjent fi zmien qasir taht penali u taht dawk id-disposizzjonijiet kollha elenkati fl-Artiklu 377 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Frar, 2015 li biha sabet lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha, izda sabitu hati tat-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza. Astjeniet milli tiehu konjizzjoni

ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni wara li kienet irtirata mill-Prosekuzzjoni u ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9, il-Qorti ordnat t-tnehhija tal-inkonvenjent ossia tal-annimali mill-fond in kwistjoni, da parti tal-hati, fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza u rrakkomandat lill-awtoritajiet koncernati, inkluz lill-Kummissarju ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali, sabiex mill-aktar fis possibbli, jassistu b'kull mezz lill-hati, sabiex isib akkomodazzjoni alternattiva u adwegwata ghall-klieb u qtates in kwistjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Agostino Borg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2015 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn illiberat lil Agostino Borg mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u f'dik il-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, **tirrevokaha** fil-parti fejn sabitu hati tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u tiddikjarah mhux hati taghhom, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena, jew **alternattivament tirriforma** s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta u tinfliggi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. L-appellant adixxa lil din il-Qorti b'rikors t'appell bil-gravami singolari li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Huwa jargumenta illi l-ewwel Qorti strahet biss fuq ix-xhieda tal-kwerelanti u skartat kompletament id-deposizzjoni u r-rapport tar-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Animal Welfare;

2. Ezaminati l-atti processwali jemergi illi quddiem l-ewwel Qorti xehedu xejn anqas minn hdax-il kwerelant li jirrisjedu fil-madwar fejn jghix l-appellant flimkien ma' 12-il kelb u 25-il qattus, igifieri faccata, magenb u fuq din ir-residenza. Dawn il-persuni lkoll xehedu illi huma vittmi ta' hsejjes u irwejjah f'kull hin tal-gurnata kawza tal-klieb u qtates mizmuma mill-appellant li mal-4.30 ta' filghodu jkun gia attiv meta allura johrog boroz ta' zibel b'likwidu joskola minnhom ghal got-triq. Meta jghaddu minn quddiemu ikunu soggetti ghall-tghajjir, ghajjat, daghha insulti u offizi verbali fil-konfront taghhom u ghalhekk wara din is-sitwazzjoni insapportabbli, kellhom jirrikorru ghall-assistenza tal-awtoritajiet;

3. Oltre l-kwerelanti, xehed ukoll Joseph John Vella li huwa d-direttur fid-Direttorat ghall-Harsien tal-Animali (Animal Welfare) li spjega illi kien acceda fil-fond tal-appellant flimkien mal-veterinarju Dr. Duncan Chetcuti Ganado u l-Animal Welfare Officer Emanuel Buhagiar. Rapport dwar dan l-access thejja minn Denis Sciberras u huwa esebit in atti. Waqt dan l-access kien konstatat illi f'kamra fir-residenza tal-appellant kien hemm 12-il kelb u f'kamra ohra 25 qattus li lkoll kienu jinsabu fi stat ta' sahha tajba u nodfa. Id-daqs tal-post fejn qed jinzammu, izda, jipprekludi li klieb ikollhom area fejn jistriehu u ohra separata fejn jezercitaw. Ir-rapport ezebit a fol 70 jiddeskrivi b'mod pozittiv il-kura li qed jinghataw dawn l-annimali u li jittiehdu regolarment ghal vizti minn veterinarju u jikkonkludi billi

jghid li l-appellant qed jaghmel att ta' karita' u jonfoq il-pensjoni tieghu fuqhom u li altrimenti kienu jispiccaw bla saqaf;

4. Din il-Qorti ma taqbilx illi kien hemm xi kunflitt fil-provi. Dak li kkonstata id-Direttur tad-Dipartiment kien l-istat tajjeb li fih kienu qed jinzammu dawn il-klieb u qtates. Hadd mill-kwerelanti ma allega li dawn kienu qed jinzammu fi stat hazin u anqas l-appellant ma kien imputat b'dan il-fatt. Dak li l-kwerelanti jilmentaw minnu huwa l-istorbju u l-irwejjah insapportabbli li per neccessita' tiggenera attivita' ta' zamma ta' annimali f'dak l-ammont. Ix-xhud naturalment ma qal xejn dwar l-allegat affront tal-appellant versu l-kwerelanti u t-tqeghid tal-boroz ta' skart fit-triq u dwar il-fatt li uhud minnhom ikollhom jaqsmu t-triq meta javvicinaw darhom minhabba l-attitudini tal-appellant. L-Qorti ma tara ebda konflitt kif konvenut mill-appellant;

5. Din il-Qorti ma rriskontrat xejn li jista' jkun censurabbli fil-konsiderazzjonijiet u decizzjoni tal-ewwel Qorti u taqbel pjenament mal-istess. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

6. Kwantu ghat-talba tal-appellant ghar-riforma tas-sentenza appellata rigward il-piena erogata, l-ewwel Qorti ma erogat ebda piena hlief li fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, lliberat lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. L-appellant donnu qieghed jilmenta mill-ordni tal-Qorti ghat-tnehhija tal-inkonvenjent fi zmien xaharejn fit-termini tal-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali. Tosserva din il-Qorti illi din l-ordni ta' tnehhija ma hi marbuta ma ebda penali fin-nuqqas ta' ottemperanza mal-istess. L-appellant ghalhekk certament m' ghandux minn xhiex jilmenta dwar il-klemenza li uriet l-ewwel Qorti;

7. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.